Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 2 t' Awwissu 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona<br>Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. E-Books
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti Mqajjma mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 E-BOOKS

1.1 Il-Kunsillier Cardona talab lis-Sindku biex nibdew bl-introduzzjoni tal-Ebooks minn naħa tar-rappreżentanti tal-librerija.

1.2 Ir-rappreżentanti tal-librerija qallu li kien hemm nuqqas fis-self tal-kotba. Is-Sinjura Falzon qalet li hija kienet resqet proposta mad-Dipartiment tal-Librerija biex jinxtraw E-Books fejn saret inizjattiva li biha kotba jistgħu jiġu mislufa bl-istess memebership card. Hija qalet li bħala Kunsill tal-Gżira dan se jkun l-ewwel Kunsillk fejn din se ssir.

1.3 Il-Kunsillier Hewitt saqsa x se tkun ir-role tal-Kunsill. Is-Sindku qal li aħna se nkunu qed inmexxu din l-inizjattiva.

1.4 Is-Sinjura Falzon qalet li fl-E-books ikun hemm anki summary tagħhom fiex il-ktieb jikkonsisti. Il-Kunsillier Cardona saqsa tistax issir demonstration kif din taħdem. Is-Sinjura Falzon qalet li meta din saret mal-librerija kien hemm attendenza baxxa ħafna. Hija qalet li l-librerija ma kinitx attrezzata sewwa biex toffri ċertu servizz.

1.5 Is-Sur. Bugeja wera lill-Kunsilliera kif tiġi installata l-app fuq il-mobile.

## 2.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.0 Ma kienx hemm korezzjonijiet.

## 3.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

3.1 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq il-kuntratt li kellu jkun iffirmatt fil każ ta' Leli. Is-Sindku semma li ridna naġġornaw dan il-kuntatt biex fih jinkludi li fejn ikun hemm bżonn jagħmel ġbir addizzjonali tal-uffiċini matul filgħodu, kif ukoll jiġbor il-boroż li jkunu ħallew warajhom il-kenniesa.

3.2 Il-Viċi Sindku semma li dawk li jkunu qed jiġbru l-iskart tiddaħħal il-kundizzjoni li dawn iridu jnaddfu warajhom. Is-Segretarju semma li din diġa hija parti mit-tender. Is-Sindku semma li din nistgħu inniżżluha fil-kuntratt.

3.3 Il-Kunsillier Galea saqsa kif konna bqajna fuq id-dgħajsa li kien hemm maġenb il-pont ta' Manoel Island. Is-Sindku semma li huwa kien se jiċċekkja fuqha.

3.4 Il-Kunsillier Galea saqsa fuq punt 3.1. Is-Sindku semma li huwa kien se jara fuq id-drittijiet tar-residenti.

3.5 Il-Kunsillier Galea saqsa kif konna bqajna fuq il-prezz tal-uffiċċju Amministrattiv biex dan jinbiegħ. Is-Sindku tkellem li minn ried jixtri hawn kien offra s-somma ta' € 300,000. Is-Sindku semma li huwa ma kienx laqgħa l-offerta għax kien hemm deċiżjoni li l-Kunsill jitlob aktar fuq dan. Il-Kunsilliera preżenti qablu li tintalab is-somma ta' € 310,000.

3.6 Il-Kunsillier Cardona saqsa kif konna bqajna fuq l-istickers li kellhom isiru tal-littering. Is-Sindku semma li dawn kienu għadhom u ma sarux u saqsa minn kien lest li dawn imur iwaħħalhom.

3.7 Il-Kunsillier Galea saqsa fuq punt 6.5 peress li kien hemm l-għodda imsemmija biex inkunu nafu kif din kienet qed tintuża mill-ħaddiema. Is-Sindku semma li din se tkun recorded permezz t' inventarju.

3.8

3.9

## 4.0 KORRISPONDENZA

### Permess tal-Lido tax-Xatt

4.1 Fuq il-proġett tal-Lido s-Sindku semma li huwa kien anki bagħat lill Prim Ministru u anki saqsieh fuq il-kera.

4.2 Il-Kunsillier Galea semma li fuq dan il-proġett irridu inpoġġu lir-residenti l-ewwel u naraw x' nistgħu nieħdu għall benefiċċju tal-Gżirjani.

4.3 Is-Sindku semma li dan il-proġett kien ġej minn naħa tal-lukanda Waterfront lill hawn. Huwa qal li fuq is-siġar se nagħmlu arranġament mal-ELC biex dawn iċaqalqu s-siġar bi spejjeż tagħhom. Huwa qal li bħala proġett se jsiru żewġ restaurants, exhibition area u bankijiet.

4.4 Is-Sindku semma li waqt il-laqgħa li kienet saret meta kien approvatt il-proġett fil-minuti tal-istess laqgħa kien hemm imsemmi li huwa kien saqsa jekk hux se tkun affettwatta l-bankina u l-moorings tad-dgħajjes.

4.5 Il-Kunsillier Cardona saqsa jistax ikun hemm artistic impression ta kif ġej il-proġett. Is-Sindku wera diversi impressjonijiet ta kif dan kien ġej għall benefiċċju tal-Kunsilliera.

### Manoel Island

4.6 Is-Sindku semma li l-avukat kien qed ilesti il-protest ġudizzjarju ta' Manoel Island kif konna tkellimna fil-laqgħa preċedenti.

**Uffiċċju Amministrattiv (Ex-Dar tal-Anzjani)**

4.7 Is-Sindku semma li għada kien se jkollu f' idejh iċ-ċavetta tal-premises tad-Dar tal-Anzjani biex ikun jista jispezzjona l-post għall ewwel darba u anki jġib il-Perit biex issir stima tiegħu. Minn hemm jitkompla l-proċess għad devoluzzjoni tal-post imsemmi.

**Sistema CCTV għall Gżira**

4.8 Fuq il-proġett tas-CCTV cameras fil-lokalita s-Sindku qal li kien hemm persuna li kienet qed tiċċekkja x' jeżisti fis-suq. Huwa qal li bħala spiża tal-connection l-inqas li setgħu joffru tal-GO kienet madwar € 10,000 fis-sena.

4.9 Il-Kunsillier Hewitt semma li qabel ma nimplimentaw is-sistema l-aħjar nagħmlu l-Bye Law u ninfurmaw ukoll lir-residenti.

**Korsijiet**

4.10 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni biex isiru korsijiet tal-computer lit-tfal li kienet tikkonsisti li jkun hemm grupp ta 8 persuni li għalihom il-Kunsill iħallas € 200. Is-Sindku qal li din kienet ferm inqas minn dik tat-TCTC għax tat-TCTC kien hemm prezz fiss.

4.11 Il-Kunsillier Galea saqsa x' jiġri jekk ikun hemm aktar minn 8 persuni. Is-Sindku qal li filkaż nistaqsuh biex tidħol darbtejn fil-ġimgħa.

4.12 Is-Sindku semma li kien hemm kwotazzjoni fuq korsijiet taz-Zumba fejn aħna inħallsu € 35 biex isiru 10 sessions. Huwa qal li rridu naraw anki l-Kunsill x' se jiggwadanja.

4.13 Is-Sindku qal li huwa kien qed jitkellem mas-Surmast fuq l-użu tal-gym anki peress li l-Kunsill kien se jtella' attivita sportiva kbira f' Novembru u kellu bżonn l-appoġġ tal-Iskola. Huwa qal li din l-attivita kienet bdiet fuq skala żgħira u kienet kibret ħafna.

4.14 Is-Sindku qal li kien avviċinat sabiex isir l-istory telling għat tfal. Huwa qal li l-proposta li kellu kienet sabiex dan isir fil-ġnien biex jinbidel naqa l-ambjent u jkun differenti. Il-Kunsillier Galea semma jekk nistgħux naraw jekk dawn l-istess tfal ikunux interessati biex jattendu għall korsijiet tal-kompjuter. Is-Sindku semma li f' dan il-każ navviċinaw lill dik il-persuna li tkun qed torganiżżahom u ngħidulha biex tmexxi l-kelma.

**Ground tal-Iskola**

4.15 Is-Sindku semma li minħabba l-użu tal-ground kien qed iżomm kuntatt mal-Iskola. Huwa qal li kien hemm bżonn li jsir risk assessment fuq l-użu tal-

ground u kien tkellem mal-AME fuqu. Is-Sindku qal li sabiex dan isir jiswa mal-€ 250 imma kien hemm bżonnu.

**Xogħolijiet**

4.16 Is-Sindku semma li kien se jkun hemm bżonn li noħorġu tender biex isiru l-bus shelters għax kif kienet is-sitwazzjoni kien qed jidher li dawn ma kinux se jsiru minn naħa tat-Transport Malta.

4.17 Is-Sindku semma li x-xogħol fuq ix-Xatt kien miexi sewwa u anki kien hemm bżonn li jitnaddfu l-gazibos li kien hemm billi kien hemm ħafna tidlik fuq ġewwa.

4.18 Il-Kunsillier Galea saqsa fuq il-kont li kien hemm dovut lil Spagnol fuqxiex kien jikkonsisti. Is-Sindku semma li kien hemm kollox spjegat bis-sigħat tax-xogħol li kien għamel fuq l-invoice tiegħu.

4.19 Il-Viċi Sindku semma li t-tabella li kien hemm li tindika minn fejn tidħol għall Ponsomby Street kienet inqalgħet u kien hemm ħafna sewwieqa li kienu qed jitfixklu. Is-Sindku semma li din kienet il-Kunsill Lokali u konna se naraw biex din titwaħħal.

4.20 Is-Sindku semma li kien se jkun hemm bżonn nerġgħu noħorgu t-tender tal-materjali li jintużaw għall maintenance tat-toroq.

4.21 Is-Sindku saqsa jekk kinitx instabet iċ-ċavetta tal-kamra fejn kien hemm id-dawl. Il-Kunsillier Chetcuti semma li din kienet instabet.

**Tindif u Knies**

4.22 Is-Sindku semma li huwa kien qed jibgħat l-ittri lil dawk li kienu qed joħorġu l-iskart mhux skont kif mitlub. Huwa qal li minn meta kien qed jibgħat dawn l-ittri kien hemm naqa progress.

**Żvillupi**

4.23 Il-Kunsillier Galea saqsa jekk il-Kunsill Lokali kienx se jieħu xi forma ta' kumpens fuq it-tħaffir li kien sar fejn kien se jsir il-proġett tal-14East. Is-Sindku qal li huwa kien bagħat lill-kuntrattur fuq dan il-proġett u talbu għall kumpens.

**Skema tar-Restawr**

4.24 Is-Sindku semma li kienet waslet Memo fuq Skema tar-Restawr. Huwa saqsa lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi proposta fuq xi bini li jixtiequ jkun irrestawrat. Is-Sindku ra fil-proposta li kien hemm knejjes li ġew irrestawrati

huwa għalhekk issuġġerrixxa biex isir restawr fuq il-faċċata tal-Knisja tal-Gżira. Il-Kunsilliera preżenti qablu.

## 5.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

5.1 Ma kienx hemm mistoqsijet taħt dan l-item.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.40 p.m. Kien hemm il-ġurnata tat-30 t' Awwissu proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2016

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Conrad Borg Manché | Michael Portelli |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |